MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 962/2013

**Scicluna Enterprise Limited – C544**

**-VS-**

**John Scicluna**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Paul Scicluna in rappreżentanza tas-socjeta rikorrenti tas-7 t'Ottubru 2013, li jaqra hekk:

*"Illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta' rikorrrenti fl-ammont ta' tmienja u hamsin elf mitejn u tlett ewro [€58,203], rappresentanti l-bilanc minnu dovut bhala self li huwa ghamel mas-socjeta rikorrenti.*

*Illi dan id-dejn mhux garantit, huwa bla imghax u restitwibbti fuq mera rikjesta u minkejja illi l-intimat gie interpellat sabiex ihallas huwa baqa' inadempjenti.*

*Illi dan id-debitu huwa cert likwidu w dovut u fl-opinjoni tar-rikorrenti l-intimat ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti w ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex: [1] taqta' u tiddecidi l-kawza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 u cjoe bid-dispensa tas-smiegh; [2] tiddikjara lill-intimat bhala debitur tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' tmienja u hamsin e1f mitejn u tlett ewro [€58,203]; [3] tordna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti dik is-somma hekk likwidata. Ko1lox skond kif gie dikjarat aktar'1 fuq u ghar-ragunijiet premessi.*

*Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-05 ta' Settembru 2013 u tal-mandat ta' sekwestru intavolat fil-16 ta' Settembru 2013 kontra l-intimat li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat illi l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat skond il-ligi bil-procedura tal-affissjoni fil-5 ta'Dicembru 2013, u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit-12 ta' Dicembru 2013 u fil-Gazzetta Lokali fit-28 ta'Frar 2014;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat illi l-intimat baqa ma deherx u meta ssejhet il-kawza fl-udjenza fit-12 ta' Marzu 2014, tal-llum 26 ta' Marzu 2014, l-intimat ma deherx;

Rat il-verbal tat-12 ta' Marzu 2014 fejn Dr. Joseph Schembri informa lill-Qorti li qieghed jistrieh fuq ir-rikors guramentat, fuq l-affidavit ta' Paul Scicluna u li m'ghandux aktar provi x'jipproduci;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Guramentat jirrizultaw ippruvati, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi :**

1. **Tilqa' l-ewwel talba ghad-dispenza tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12;**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara lill-intimat bhala debitur tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' tmienja u hamsin elf, mitejn u tlett ewro [€58,203].**

3. **Tordna lill-intimat sabiex jhallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' tmienja u hamsin elf, mitejn u tlett ewro [€58,203].**

**Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax kif mitluba kontra l-intimat.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------